**248. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onor. Guido deMarco jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura skont kif hawn taħt indikat;

Illi aktar minn stadju wieħed jista' jittiehed fl-istess seduta, fuq kull wiehed mill-Abbozzi ta' Liġi hawn taht indikati ;

Illi kull ħin mitluf f'sospensjonijiet tal-Kumitat dan jiżdied mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol liema interruzzjoni tax-xogħol ma għandux bilfors ikun skond l-Ordni Permanenti Nru 9;

Illi d-diskussjonijiet fil-Kumitat fuq l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali u l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ jistgħu jittieħdu f'seduta waħda;

F'każ illi d-diskussjoni tkun għada mixja anke wara l-ħin normali tal-interruzzjoni tax-xogħol, id-diskussjoni tkompli xorta waħda skont il-limiti stabbiliti hawn taħt;

Id-diskussjoni fil-Kumitat tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali ma għandhiex tieħu iktar minn sagħtejn u nofs u d-diskussjoni fil-Kumitat tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħrig ma għandhiex tieħu aktar minn erba' sigħat;

Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu għandhom jittieħdu fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, bl-ewwel votazzjoni tittieħed għaxar minuti minn meta terġa' tintalab u l-votazzjonijiet l-oħra li jistgħu jerġgħu jintalbu jittieħdu immedjatament wara;

Illi fis-seduta mħollija għal dawn l-Abbozzi ta' Ligi fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn, biex l-Abbozzi ta' Liġi jgħaddu mill-bqija tal-istadji tagħhom kollha f'din is-seduta; iżda anke meta jkun għadda l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista ' jressaq emendi, klawżoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, klawsoli ġodda mingħajr avviż, skedi jew skedi ġdda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni.

23.07.1990